MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 777/2001/1

**Paul Richard u Carmelina konjugi Cassar u Ralph Cassar.**

**vs**

**David Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici ta' Paul Richard u Carmelina konjugi Cassar u Ralph Cassar datata 4 ta' Mejju 2001 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

Illi fit-8 ta' Novembru 2000 fil-limiti ta' Hal-Qormi waqt li l-konvenut, David Caruana kien qed isuq il-vettura numru ITS 075 habat mal-vettura ta' marka Kia Avella, Numru ta' registrazjoni ABI 048, proprjeta` tal-atturi u misjuqha minn binhom Ralph Cassar.

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, David Caruana u dan billi huwa habat mal-parti ta' wara tal-vettura tal-atturi waqt li din kienet qed tinsaq regolarment u fid-dritt gewwa Triq Is-Sebh, limiti ta' Hal-Qormi u dan kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dok. JC1).

Illi b' konsegwenza ta’ dan l-incident il-vettura tal-atturi, li kienet inxrat minnhom ftit ta’ xhur qabel l-incident, garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata mis-*surveyor* tal-assikurazzjoini tal-konvenut *'beyond economical repair'* u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-atturi kienu xtaraw din il-vettura gdida ftit ta' xhur qabel l-incident bil-prezz ta' erbat elef u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm4,044). Wara l-incident l-atturi ddisponu mill-*wreck* tal-vettura bil-prezz ta' Lm400, liema valur gie stabbilit mis-*surveyor* tal-konvenut, u dan kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi wara l-incident l-attur Ralph Cassar kera karrozza ohra bil-prezz totali ta' Lm134.15, kif wkoll hallas ghat-*towing* tar-*wreck* tal-Kia Avella wara l-incident u dan fl-amont ta' Lm11.50 -b' kollox hallas is-somma ta' Lm145.65.

Illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident imsemmi baqa’ inadempienti kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' Hal-Qormi fit-8 ta' Novembru 2000 u ghad-danni li sofrew l-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, il-konjugi Paul Richard u Carmelina Cassar, b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tliet elef, sitt mija u erbgha u erbghin Liri

Maltin (Lm3,644) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-konjugi Cassar dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxjiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Ralph Cassar b' rizultat ta’ dan l-incident fl-ammont ta’ mija u hamsa u erbghin Liri Maltin u hamsa u sittin centezimu (Lm145.56) somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Ralph Cassar dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxjiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispeijes, komprizi dawk ta’ Ittra Ufficjali tal-21 ta' Dicembru 2000 u tal-parir (Lm25) kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa mharrek ghas-subbizzjoni, u ghall-ispejjes ta’ Ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Caruana datata 12 ta’ Gunju 2001 (fol 14) fejn espona : -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjent, izda b'tort tal-attur Ralph Cassar, is-sewwieq tal-karrozza tal-atturi l-ohra, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu; kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandu jhallas ebda danni u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors tal-konvenut David Caruana datat 30 ta' Novembru 2004 a fol 163 tal-process fejn talab lill-Qorti biex il-kawza bin-numru 1079/01JA David Caruana vs Ralph Cassar u din il-kawza bin-numru 777/2011JRM jinstemghu flimkien skont il-ligi; u l-Qorti kif hekk diversament presjeduta, bid-digriet taghha moghti fit-3 ta' Dicembru 2004 (fol 164) laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza numru 1079/01/JA jinstemghu flimkien ma' din il-kawza.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 14 ta' Marzu 2006 a fol 185 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut David Caruana a fol 191 tal-process ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw ulterjorment il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Dicembru 2006; u l-verbali tas-seduta l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'ordni tal-istess Qorti kif diversament presjeduta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni ta' din l-istess Qorti l-kawza giet differtia ghat-3 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza tirrigwarda incident stradali li sehhet nhar it-8 ta' Novembru 2000, fil-limiti ta' Hal Qormi, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Fiat Punto bin-numru ITS-075 fejn habat mal-vettura Kia Avella ABI-048, proprjeta' tal-atturi u misjuqa minn binhom Ralph Cassar. B'konsegwenza ta' dan l-incident, li l-atturi jghidu li sehh unikament tort tal-konvenut David Caruana, l-atturi jallegaw li sofrew danni konsistenti fil-valur tal-vettura taghhom li spiccat *beyond economical repair* u spejjez ta' kiri ta' vettura minhabba *loss of use*.

Il-konvenut qed jikkontesta r-responsabbilta' tieghu *stante* li ghall-incident in kwistjoni kien jahti l-attur u b'hekk m'hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati.
Mill-**Police Accident Report** (**Dok. JC1** a fol.5-8 tal-process) jirrizulta li l-incident sehh fi Triq is-Sebh, Hal Qormi. Kien hemm vettura ohra nvoluta fl-incident, tal-marka VW Polo bin-numru ta' registrazzjoni KRT-077 misjuqa minn Kurt Camilleri. Skont kif dikjarat mill-atturi, il-konvenut David Caruana kien qed isuq bi *speed* sperikolat u tilef l-kontroll tal-vettura tieghu u habat mal-parti ta' wara tal-vettura tal-atturi waqt li din kienet qed tinsaq regolarment u fid-dritt gewwa Triq is-Sebh. Mill-iskizz, a fol. 8 tal-process, jirrizulta li l-Punto kellu hsara fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura filwaqt li l-hsara fuq il-Kia Avella kienet fuq il-parti ta' wara.

Din il-kawza hija miexja kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet "**Allcare Insurance Agency Limited nomine -v- Ralph Cassar"** (Citazz. 1079/2001) li ser tigi deciza llum stess.

**<u>PROVI PRODOTTI</u>**

Gew esebiti il-Police Accident Report, skizz tat-triq u tal-vetturi nvoluti, indikazzjoni ta' *brake marks*, ritratti tas-sinjali fit-triq tal-incident kif ukoll testimonjanza ta' diversi xhieda.

Jinghad mill-bidu li x-xhieda tal-kontendenti dwar id-dinamika tal-incident kienet konfliggenti filwaqt li l-*brake marks* indikati fuq l-iskizz imhejji mis-Surgent **Joseph**

**Mangani**[1] mhumiex konklussivi aparti dawk ta' tul ta' 60 metru mmarkati wara l-vettura KRT 077.

Xehed **Paul Richard Cassar**[2] li kkonferma il-prezz ta' xiri tal-vettura Kia Avella ABI-048 (Lm4044[3]) li b'konsegwenza tal-incident giet *written off.* Il-*wreck value* kien ta' Lm400. B'hekk qed jitlob Lm3,644 bhala risarciment ghall-valur tal-vettura.

Ikkonferma li l-vetturi rahom kif inhuma indikati fuq l-iskizz esebit a fol.8. Il-vettura Punto kellha hsara estensiva fuq in-naha ta' quddiem kif ukoll daqqa fuq wara "*ghax it-tielet wiehed, il-vettura Polo, dahal fuqu wkoll*".

Esebixxa skizz *to scale* tal-incident **(Dok.PC1** a fol.21) kif ukoll ritratti a (fol. 27) li juru t-triq minn fejn hareg Ralph Cassar (**DOK PC2),** sinjal '*Reduce Speed Now*'**(DOK PC3)** u sinjal '*Get in Lane*' **(DOK PC4)** li jimmarkaw it-triq fejn sehh l-incident**.**

Xehed **Ralph Cassar** (a fol. 40 et seq) u qal li ghal xi 11.30pm hareg minn fejn il-fabbriki biex jaqbad il-'*by pass'* li taghti ghal Hal Qormi. Kellu d-dawl mixghul. Hemm *'Stop sign'* minn fejn tohrog. Hu qal li waqaf fuq l-'istop sign' u xeghel l-*indicator*, hares fuq in-naha tal-lemin biex jara jekk humiex gejjin karrozzi u ra li "*ma kien gej hadd ghax ma rajt la dawl fit-triq, xejn*." Qal li hareg ghal fuq l-*outer lane* ma' tas-*centre strip.* Spjega li ghamel hekk ghaliex ried jghaddi minn fuq il-*bridge* u qal li jekk ma jidholx fil-*lane* jigi 'l barra minn *continiuous line.* Skont l-attur mexa xi 90 metru (circa 300 pied) 'normal', meta f'daqqa wahda mill-mera ta' gewwa ra dawl qawwi. Hares fuq is-*side mirror,* xeghel l-*indicator,* u biex jipprova jevitah "*itih il-lane, u ezatti kif kont ser indawwar biex naqleb ghall-lane (ta' gewwa) hadt daqqa kbira fuq in-naha tieghi*."

Skont ix-xhud il-Punto kien ghaddej fil-*lane* ta' barra. Laqtu fil-kantuniera tal-lemin ta' wara u mad-daqqa

---

[1] Xhieda a fol 58 et seq.

[2] Seduta tal-5 ta' Dicembru 2001 a fol 30 et seq.

[3] Ara Dok PC1 a fol 71 tal process

dawritu xi darbtejn biex spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u gie jhares lejn in-naha l-opposta. Rigward il-vettura l-ohra involuta fl-incident qal li ma ra xejn imma sema' *brake* kbir wara l-impatt mal-vettura tieghu u mbaghad sema' daqqa. Meta hareg mill-vettura tieghu ra zewg karrozzi fit-triq mahbutin. Il-*brake marks* li kien hemm kienu tat-tielet karrozza. Ikkonferma li d-daqqa fuq il-vettura tieghu kienet fuq in-nofs ta’ warra 'l gewwa (*rear right hand side*)[4] izda bid-daqqa tghaffeg ftit in-naha l-ohra ta' wara.

**In kontro-ezami** qal li ma setax jibqa' fuq il-korsija ta' gewwa u mbaghad jaqleb minhabba li kien hemm “*linja shiha fit-triq". *Xehed ukoll li ra d-dawl qawwi fuq il-mera ta' gewwa “*waqt li kien gja ghamel xi 100 metru fuq il-karreggjata li hareg fuqha.*” Immarka salib fuq l-iskizz skalat (fol.21) biex juri ezatt fejn sehhet il-habta. Qal li meta ra lill-karrozza ta' warajh kienet gejja b'certu heffa, ipprova jidhol fil-korsija ta' gewwa u ghamel indikazzjoni li ser jaghmel hekk, “*harist biex nara jekk hemmx traffiku pero` ma lhaqtx qlibt il-korsija, il-karrozza ta' wara laqtitni u d-daqqa sehhet ezatt kif kont ser naqleb il-korsija.*” Qal li hsara mal-impatt kien man-nofs sal-lemin tal-vettura tieghu.

**CHARMAINE FRENDO** xehdet[5] li kienet passiggiera fil-vettura misjuqa minn Ralph Cassar meta sehh l-incident. Qalet li kif hargu minn fejn il-fabbriki l-attur waqaf fuq l-*'stop sign'* u kellu d-dawl mixghul, xeghel l-'*indicator*' biex jaqbdu l-'*by pass*' tal-Marsa u hareg in-naha tal-lemin. Hi harset u qalet li ma kien gej hadd. Setghet tara l-boghod ghaliex it-triq dritta. Hi bazikament ikkorroborat il-verzjoni tal-gharus taghha u cioe' li kienu mixjin normali mal-40 kilometru fis-siegha cirka, u li kif kienu hekk mixjin, min-naha tal-mera taghha tal-genb rat dawl qawwi riesaq lejhom u l-gharus taghha pprova jaqleb il-'*lane*' “*u f'dak il-hin hassejna daqqa enormi. Mad-daqqa imxejna, dorna ma nafx kemm-il darba”* u spiccaw iharsu il-kontra.

---

[4]Ikkonfermat mis-surveyor Joseph Brincat li xehed fis-seduta tas-6 ta Frar 2002 a fol. 83 tal-process.

[5] Xhieda a fol.52 tal-process.

In **kontro-ezami** hi xehdet ukoll li l-habta sehhet meta kienu mixjin certu distanza mhux hazin fuq il-bypass. Il-karrozza ta' wara laqtithom fuq il-genb in-naha tas-sewwieq.

Xehed is-**Surgent Joseph Mangani** (a fol 58 et seq. tal-process) li nvestiga l-incident. Kien mar fuq il-post ghall-habta tas-siegha ta' filghodu u sab tliet karrozzi mahbutin kollha sejrin fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi. Il-vettura ITS-075 kellha hsarat estensivi fuq quddiem kollu kif jidher mill-iskizz tieghu, filwaqt li l-vettura ABI-048 kellha hsarat estensivi wara kollu, u l-vettura KRT-077 kellha hsarat 'slight' li jikkonsistu f' "*fanal, bumper quddiem, genb xellug, rim tar-rota ta' quddiem tal-lemin u ghafsa fuq il-mudguard wara xellug*."

Id-driver tal-ITS-075 iddikjara mieghu li kien fuq in-naha ta' barra, gej mid-dritt, u l-vettura ABI-048 hareg mit-triq li tigi gol fabbriki ghal-*lane* ta' barra, ftit wara dahal fil-*lane* ta' gewwa. Din il-vettura (tal-atturi) qalbet minn ta' barra ghal ta' gewwa u baqghet diehla fih.

Id-driver tal-vettura ABI-048 qallu li kien gej min-naha tal-fabbriki u hareg ghall-*main* road, mar fuq l-'outer *lane*' u "*ftit wara"* qala' d-daqqa*.*

Kurt Camilleri, da parti tieghu, qal li l-Kia Avella kien fuq il-*lane* ta' gewwa u qaleb ghal barra.

Fuq il-'*brake* marks', is-Surgent seta' jikkonferma biss dawk tal-VW KRT-077 - ta' tul ta' 60 metru. Ma setax jiddistingwi ta' liema vetturi kienu l-*brakemarks* l-ohra jew jekk sahansitra kienux gew ikkagunati mill-incident in kwistjoni. Lanqas seta jistabbilxxi l-*point of impact* ghaliex it-trab u bicciet tal-habta kienu mxerrdin kullimkien.

Xehed **Kurt Camilleri** (a fol 91 et seq.) li kien qed isuq il-vettura VW Polo bir-registrazzjoni KRT-077 u qal li l-Fiat Punto kienet quddiemu. "*F'daqqa wahda harget karrozza minn hdejn il-fabbriki mis-'side street' u qasmet l-outer lane mill-ewwel. Imbaghad ghal xi raguni qasam fuq l-inner lane*. Spjega li: "*Kien il-Punto li qasam ghall-'inner*

*lane' u l-Avella rega' qasam fuq l-'inner lane' u habtu go xulxin*.” Baqghu iduru fit-triq u hu applika il-*brake* biex jevitahom imma kienu mixjin lejh u l-Punto laqtu fil-genb u tela' fuq is-*centre strip.* Skont ix-xhud, hu u Caruana kienu qed isuqu wara xulxin bi *speed* ta' cirka 80 km/h. Kienu jafu lil xulxin u kienu gejjin minn Zmerc Bar, Hal Balzan fejn hadu “*drink zewg rounds".* Kien hemm distanza ta' 40/50 metru bejniethom u baqghet kostanti sakemm sehh l-incident.

Iz-zewg karrozzi Avella u Punto imxew ftit 'il quddiem wara xulxin u imbaghad il-Punto qasam ghal-*lane* ta’ gewwa u f'dak il-hin l-Avella beda' jaghmel l-istess haga. Il-habta grat billi bdiet fuq l-*inner lane* u kompliet ghal nofs it-triq. *"Huma habtu gol-inner lane u 'l-barra gew bid-daqqa.*” Qal ukoll li jaqbel li l-habta saret xi mitejn metru ‘l isfel minn fejn is-sewwieq tal-karrozza Avella kien hareg.

**Xehed David Caruana**[6] u qal li Kurt Camilleri kien qed isuq karrozza warajh fil-'bypass' tal-Mriehel. “*Konna ghaddejjin fuq il-korsija ta’ barra, mas-centre strip. Konna wasalna qrib salib it-toroq li fuq in-naha tax-xellug taghna jaghti ghall-fabbriki tal-qasam industrijali meta ghal gharrieda harget karrozza Kia Avella fuq il-korsija tan-nofs li konnha qed insuqu fuqha. Jien ippruvajt nevitaha billi qlibt ghax- xellug fuq il-korsija ta' gewwa izda peress li l-istess Kia Avella dahhlet ukoll fuq l-istess korsija ta' gewwa saret il-habta li jiena ma stajtx nevita. Malli sehhet il-habta l-karorzza tieghu bdiet hierga lejn il-korsija ta' barra u b'hekk saret il-habta mal-karrozza misjuqa minn Kurt Camilleri. Laqatni fuq in-naha tas-sewwieq tal-korrozza misjuqa minni. Niccara li meta jien rajt lil Kia Avella hierga min naha tax-xellug taghna kont jien l-ewwel li ppruvajt nidhol fuq il-korsija ta' gewwa.”* Ikkalkula li kien qed isuq b'velocita` ta' 70/80 km/h. Qal li “l-*karrozza misjuqa minn Ralph Cassar ilmahtha l-ewwel darba kif hasditni ezatt quddiemi.... kienet diga` fuq il-korsija ta' barra..qabel ma kontx rajtha. Nikkalkola...li kont xi zewg tulijiet ta’ karrozza ‘l boghod minnha.*

[6] Seduta tal-10 ta' Novembru 2004 a fol 146 rt.drw.)

Hu eskluda li l-habta saret madwar 200 jew 300 metru l'isfel minn fejn kien hemm l-'iStop Sign'. “Nikkalkola li l-habta sehhet qisu xi zewg tulijiet ta' din l-awla 'l isfel mill-'iStop Sign'.” .... *ma kontx ghafast il-brake ghaliex hsibt li ser nghaddi..pero' meta rajt lis-sewwieq tal-Avella dahal ukoll fil-korsija ta' gewwa mbaghad applikajt il-brake.”*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino”** deciza fil-15 ta’ Jannar, 1997 qalet illi: *“... f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabbilta’ ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita’ u mhux l-ekwita’ u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti.” (*Ara wkoll il-kawza “**Amadeo Mea vs Carmelo Vella”**(A.C. 24 ta’ Jannar 1966).

Bla ebda dubju hija massima stabbilita li d-dritta tat-triq tispetta lill-utent tat-triq principali, li fil-kaz in kwistjoni hija bla dubju Triq is-Sebh, fejn fil-fatt sar is-sinistru, u li kien qed jigi utilizzat mill-konvenut.

Illi in fatti skont ***The Highway Code*** jinghad illi:-

*“Para. 91. Unless otherwise indicated, traffic on the major roads has the right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road”.*

*“Para.92. At an intersection or junction of a major road and a minor road traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road”.*

Illi mhux hekk biss izda minn fejn kien hiereg l-attur hemm *traffic sign* biex min ikun hiereg minn fejn il-fabbriki ghal

fuq il-*bypass* jieqaf, ovvjament ghaliex ikun hiereg go *main road*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, m’hemm l-ebda dubju li l-attur hareg minn go *side road* dritt ghal fuq l-*outer lane* ta' triq principali. Din il-manuvra hija perikoluza fiha nnifisha in kwantu li kienet tinnecessita' li jaqsam mill-ewwel ghal fuq il-*fast lane* u johloq ostakolu ghat-traffiku li jkun gej fuq din il-karreggjata. Dan sehh bil-lejl, u fi triq fejn l-i*speed* massimu permissibbli huwa ta' 80-km/h. Minnkejja dan l-i*speed* relativament qawwi, l-attur xehed li qasam ghal fuq l-*outer lane* bi *speed* ferm inqas ta' circa 40 km/h. B'dan hu kompla jxekkel l-*oncoming traffic* bil-konsegwenzi li nafu bihom.

Mill-assjem tal-provi tohrog id-dinamika tal-incident, li, fil-fehma tal-Qorti hija wahda cara u  tikkoncerna l-kaz klassiku ta’ “*main road user”* u “*side road user”.* Jirrizulta mhux ikkontestat li l-attur Ralph Cassar hareg minn *'side street*' dritt ghal fuq l-*'outer lane'*. Qasam zewg *lanes* ta' triq principali, addirittura triq ossia '*bypass'* li hija *'outside a built-up area'* fejn il-velocita' massima permissibbli hija ta' 80 km/h. Din il-manuvra, fiha nnifisha, hija perikoluza u timponi fuq min jadoperaha il-massimu ta' diligenza u attenzjoni. *Di piu',* dan l-incident sehh bil-lejl.

Illi stabbilit il-principju li din il-Qorti ghandha thares lejn min kien il-*kawza prossima tal-istess incident*, *ai fini* ta' responsabbilta`, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, dak li kkawza l-istess sinistru kien proprju l-hrug negligenti tal-istess attur minn *side road* ghal fuq *main road*, u xejn izjed, u ghalhekk l-istess attur ghandu jinzamm u qed jinstab unikament responsabbli ghall-incident *de quo.*

Huwa minnu li kien hemm konfliggenza bejn il-verzjonijiet taz-zewg partijiet f'din il-kawza izda fil-fehma tal-Qorti il-verzjoni tal-konvenut Caruana hija iktar verosimili. L-ewwel nett hemm diskrepanza rigward il-*point of impact*. L-iskizz maghmul mill-Pulizija m’hu ta' ebda ghajnuna f'dan ir-rigward. Izda l-verzjoni tal-attur, li l-impatt sehh circa 90 metru minn fejn hareg mhiex attendibbli. L-iskizz juri li l-vetturi tal-attur u tal-konvenut waqqfu xi 100 metru

distanza mit-triq minn fejn isbokka l-attur. Imma dan juri l-posizzjoni taghhom meta waqqfu mentri jirrizulta mhux ikkontestat li l-vetturi taghhom baqghu iduru u jitkaxkru ghal certu tul. Allura wiehed bil-fors ghandu jiddesumi li l-*point of impact* sehh qabel.

Id-dikjarazzjoni moghtija minn Cassar *a tempo vergine* ukoll tikkontradixxi x-xhieda tieghu peress li qal li kien gej min-naha tal-fabbriki u hareg ghal *main* road, mar fuq l-'outer *lane*' u "*ftit wara qlajt id-daqqa*" *(*sottolinear tal-Qorti). Li kieku kien miexi ghan-normal ghal cirka 90 metru kif xehed, ma kienx jghid li qala' d-daqqa "*ftit wara"* li hareg mis-*side road*.

**Ikkonsidrat li** t-triq li hareg minnha l-attur kienet ta' importanza sekondarja. B'hekk il-konvenut kellu *right of way* u huwa kien ser jibqa' ghaddej ghad-dritt fuq l-istess triq*.* Apparti l-kawtela li kull sewwieq ghandu jiehu meta jkun qed isuq f'kull cirkostanza, id-dritta hija dejjem tieghu. Certament lanqas ghandha tfisser li wiehed jista' jabbuza minn tali posizzjoni, ghaliex dejjem japplika l-principju li f'materja ta' sewqan l-obbligu li jigi evitat incident huwa dak li huwa bazilari u primarju ghal kull utent tat-triq.

Illi apparti dan, l-attur jghid li huwa bilfors ried jaqsam sal-*'outer lane'* biex jaqbad il-*bridge* lejn Hal Qormi. Dan ma jirrizultax minnu ghaliex fejn jghid li hemm '*continuous line'* fit-triq jirrizulta kontradett mill-istess ritratti li gew esebiti minnu. Dawn fil-fatt juru linji intermittenti li jippermettu lis-sewwieq li johrog minn fejn hemm il-fabbriki li jaqbad il-karreggjata ghal fuq il-*bridge* gradwalment u mhux mill-ewwel, hu u hiereg mis-*'side road'*.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kien xorta jinkombi fuq l-attur li jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jaqsam ghall-karreggjata li kien fiha l-konvenut. Evidentement dan naqas li jaghmlu ghax kemm hu kif ukoll l-gharusa tieghu ddikjaraw li ma raw l-ebda karozza gejja mid-direzzjoni ta' H'Attard u b'hekk naqas li jzomm *a proper look out.* Fil-fatt l-ammissjoni tal-attur li jghid li ma ra xejn qabel l-impatt hija awto-inkolpazzjoni, *stante* li huwa jkun qed jaccetta l-fatt li qabel ma qasam u anke hekk kif kien qed jaqsam

huwa ma ghamilx esplorazzjoni sewwa tat-triq, u dan huwa iktar gravi meta l-istess konvenut kien konxju tal-fatt li huwa kien qed jikser il-*flow of traffic.*
Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza "**Anthony Fabri nomine vs Edward Attard"** (M. 28 ta' Mejju 2001) fejn inghad li: "*jinkombi fuq il-konvenut (*f'din il-kawza fuq l-attur) *illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tieghu u l-utenti l-ohra tat-triq. Dawn il-mizuri jinkludu fost affarijiet ohra 'a proper look out' ghall-vetturi l-ohra kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra* … ….".

Illi l-attur qed isostni bazikament li l-istess konvenut kien *main road abuser stante* li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, u tilef il-kontroll tal-vettura. Hu qal li waqaf fuq it-*'traffic sign'* u ma ra ebda dawl li seta' jindikalu li kien hemm xi traffiku gej fuq il-*'bypass*'. Izda minn imkien ma jirrizulta ppruvat li l-konvenut kien ghaddej bi *speed* esagerat ghall-inhawi fejn kien qed isuq (bypass). Anzi x-xhieda tal-konvenut u ta' Kurt Camilleri jghidu li kienu ghaddejjin bl-i*speed* permess ghal fuq il-*bypass*. Huwa minnu li hemm sinjal li jghid "*Reduce Speed* now" imma dan is-sinjal certament ma jaghtix il-liberta' lill-vetturi ohra li johorgu minn side road biex jaqtghu t-triq ta' utenti li huma gja fuq it-triq principali.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dawn l-argumenti ma jistghux ireggu. Ghal kuntrarju, jirrizulta li l-attur hareg ghal fuq triq maggura fejn l-i*speed* legali hu ta' 80 km/h u allura m'huwiex xi *speed* baxx, u li minkejja dan, hareg bi *speed* ferm inferjuri ta ' 40 km/h ghal fuq il-karreggjata fejn kien qed isuq bi dritt il-konvenut biex b'hekk holoq ostakolu fit-triq ghall-attur. Dan mhux biss ma tilifx il-kontroll imma ghamel manuvra evasiva billi dar ghal fuq l-'inner *lane*'. Fl-istess hin, l-attur ipprova jikkoregi l-izball tieghu u billi ttenta l-istess manuvra biex sehhet il-habta.

Anzi tikkonsidra li l-attur kien wieqaf fuq is-*'Stop Sign'* qabel ma hareg, u allura sakemm ingrana u tela' ghal 40km/h bil-fors kien qed isuq bi *speed* iktar baxx u tul din il-manuvra kien qed jaqsam zewg *lanes* fuq *bypass*.

Illi l-konsegwenza ta’ dan kollu hija li peress li l-istess attur ghamel manuvra fiha innifisha perikoluza u ma zammx *proper look out,* pogga ruhhu f’*self inflicted incapacity* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *sudden emergency* lill-utenti tal-istess triq principali, inkluz ghall-konvenut innifsu, li kellu d-dritta kollha tat-triq. **(“Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt”** (P.A. (RCP) 26 ta’ April 2001); “**Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2001); “**Simon Spiteri vs Louis Caruana”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Ottubru 2001); “**Fogg Limited nomine vs Jesmond Ellul”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Jannar 2002).

Illi dan l-insenjament jinsab konfortat f’diversi sentenzi fosthom”**Owen Azzopardi vs Mary Frances Borg”**(P.A. 25 ta’ Mejju 1992) fejn inghad illi:-*“Il-kawza prossima, immedjata w unika ta’ l-incident kienet il-mod inkonsult kif l-konvenut qabad u hareg … …* (f'dan il-kaz, l-attur li hareg quddiem il-konvenut u fuq triq principali kontra l-*flow of traffic)*, *bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali fiha l-attur (il-konvenut odjern) certament kellu d-dritta.”*

Il-konvenut fil-konfront tal-atturi ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku. Anke li kieku l-konvenut kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta’ jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggiata tieghu mit-toroq laterali (u minn fejn kien gej l-attur), hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih. F'dan il-kaz, l-konvenut lanqas kellu jistenna li xi hadd johroq ghal fuq il-karreggjata tieghu ghaliex mit-triq laterali l-attur kellu johrog ghal fuq l'-inner *lane*' imbaghad johrog ftit ftit ghall-*outer lane*.

Illi ghalhekk il-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-incident ma ghandux iwassal sabiex tigi apporzjonata lilu xi responsabbilta’ ghall-istess incident ta’ liema grad tkun u dan anke *in vista* ta’ dak li nghad fis-sentenza “**Alexander**

**Bartolo vs Kalcedon Micallef"** (P.A. 16 ta' Frar 1972) fejn gie ribadit:-

*"Illi l-fatt li l-attur (illum il-konvenut) ma rnexxielux jevita l-kollizzjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffaccjat b'sudden emergency u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza* ***Paul Deguara vs Raymond Chilton*** *mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-*

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, li kkrea "a sudden emergency" lill-konvenut li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action".*

Din il-Qorti ga kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara "***John Debattista vs Maria Theresa Vella et"*** *deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). "Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b'"sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-attur il-kollizzjoni ma kenitx issir. … … … … Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*attur *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha".*

Difatti l-konvenut ipprova jiehu *evasive action* billi dar ghal fuq il-karreggjata ta' gewwa izda din l-azzjoni giet rispekkjata b'azzjoni identika tal-attur li wasslet ghall-habta.

Lanqas kien hemm '*brake marks'* fil-konfront tal-zewg vetturi. Is-Surgent Mangani ma setax jikkonferma jekk kienx hemm *brake marks*, izda ebda wiehed mill-partijiet ma xehdu li applikaw il-*brake*s. Kien biss Kurt Camilleri li ibbrejkja. Jidher ghalhekk li l-attur tfaccja quddiem l-konvenut ghal gharrieda tant li ma kienx hemm *'braking distance'* biex seta' japplika l-*brakes* u ghazel li jdur ghal gewwa biex jipprova jevita habta inevitabbli.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-attur Ralph Cassar kien unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk il-konvenut David Caruana m'ghandu jkun tenut responsabbli ghall-ebda danni. *Stante* din il-konkluzjoni, il-Qorti mhiex ser tidhol fit-talbiet ghall-likwidazzjoni tad-danni in kwantu li dawn gew diretti kontra l-konvenut u mhux kontra Ralph Cassar.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut u **tichad** it-talbiet tal-atturi ghaliex huma nfondat fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident awtomobilistiku bejn il-partijiet Ralph Cassar u David Caruana fit-8 ta' Novembru 2000 fi Triq is-Sebh, limiti ta' Hal-Qormi sar unikament minhabba negligenza u traskuragini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur Ralph Cassar.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------